29 ta' April 2011

KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/58/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru.58**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 26 ta' April 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch w il-Kunsillier Ferris. Il-Kunsillier Borg Myatt kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru. 57**

**1.1** - Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 2.4** – Il-Kunsillier Dalli staqsa jekk iz-zebgha tas-Sur Wilson Mifsud naqsitx mill-kwalita' kif qalu l-haddiema. Hu staqsa wkoll x'gara fuq it-*tender* taz-zebgha.

Is-Segretarju qal li s-Sur Mifsud ma baghtx it-tender guarantee u awtomatikament waqa' t-tender.

Saret diskussjoni fejn gie deciz li tinhareg t-tender taz-zebgha u tigi ppubblikata fil-gazzetti ghal xahar shih kif suppost.

**Item 2.11** – Il-Kunsillier Ferris staqsa dwar l-inventarju ta' l-istatwi li ghandna fil-lokal ta' Paola. Hu qal li ser jiehu hsieb li jkellem lill-iskultur, is-Sur Adrian Schembri dwar dan ix-xoghol.

**Item 2.9** – Il-Kunsilliera Dalli u Seychell staqsew fiex wasal ix-xoghol dwar il-quotation ta' Nexos Street Lighting biex isiru l-*belisha lights* taz-*zebra crossing* fi Triq Haz-Zabbar fejn il-Gallarija complex.

Is-Segretarju qal li ntbaghtet il-works order biex ikun jista' jinbeda dan ix-xoghol.

**Item 2.13** – Il-Kunsillier Lynch staqsa kemm kien hemm nies li marru jivvutaw waqt li kien hemm l-exhibition fi Pjazza Antoine De Paule dwar il-progett *Repair – Paola Action Plan*.

Is-Segretarju qal li dan is-suggett ser jigi diskuss f'item 3.

## 2) Korrispondenza

**2.1** – Ittra minn Trasport Malta – Il-Perit David Vassallo baghat ittra lill-Kunsill dwar *Unapproved Yellow Lines* fi Triq il-Gdida, Paola. Wara diskussjoni, gie deciz li tintbaghat ittra lit-TM ghal permess biex dawn is-sinjali jigu *sanctioned.*

**2.2** – Is-Sindku qal li l-Kunsill waqqaf ix-xoghol tal-bankina fi Triq Bormla minhabba li sar xoghol hazin. Hu kompla jghid li l-Perit Charmaine Cutajar tal-WSC talbet l-istima lill-Kunsill u talbu wkoll liema kuntrattur qed jahdem fil-lokal. Hu zied jghid ukoll li l-Kuntrattur li qed jahdem huwa l-Asfaltar Ltd u b'hekk il-WSC jaghtu x-xoghol lilu, il-Kunsill ihallas lill-Asfaltar Ltd u l-WSC jhallsu lill-Kunsill.

**2.3** – Is-Sindku qal li fuq Triq il-Knisja u Triq Hal Saflieni ser jerga' jkellem lill-Avukat.

**2.4** – Saret diskussjoni fejn gie deciz li nkellmu l-Avukat tal-Kunsill u jsir protest gudizzjarju.

**2.5** - Sar qbil ukoll li ghandha tintbaghat ittra lil Perit Charmaine Cutajar tal-WSC.

## 3) *Exhibition* Pjazza Antoine De Paule

**3.1** – Il-Kunsillier Dalli qal li xi persuni qalulu li s-Sindku qal li ghamel il-Progett hu, u li s-Sur Dalli u s-Segretarju qeghdin ifixxkluh u hu kontra l-Kunsilliera.

**3.2** – Is-Sindku qal li dan il-kliem mhux minnu.

**3.3** – Il-Kunsillier Lynch staqsa kemm ivvutaw nies u talab kopja tal-video tal-Pjazza tal-Progett.

**3.4** – Is-Segretarju qal li ivvutaw madwar 900 persuna minn Paola.

u l-Kunsillier Lynch.

**3.5** – Il-Kunsillier Seychell irringrazzja lill-Kunsillier Dalli u lis-Segretarju tax-xoghol li ghamlu sabiex saret din l-exhibition.

**3.6** – Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera kollha, lil Perit Christopher Mintoff, lil Dr Malcolm Borg, lill-haddiema kollha u lil kull min ghen biex sar dan ix-xoghol.

## *4) Green Wardens*

**4.1** - Is-Sindku ssuggerixxa li sakemm isiru CCTV cameras, fi Triq St.Ubaldeska fil-hin tal-Muzew mill-5.30pm – 8.00pm ikun hemm *green warden* u fi Gnien Pawlu Boffa Boffa mis-6.00am – 8.30am. Il-*green warden* ghandu jintbaghat darbtejn fil-gimgha u mhux dejjem fl-istess hin. Sar qbil li din ghandha tkun bi prova ghal xahrejn. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

**4.2**- Il-Kunsillier Lynch staqsa kemm hu l-hlas tal-*Green Wardens*.

**4.3** - Il-Kunsillier Ferris staqsa dwar il-*Bye-Law* tal-Hamiem.

**4.4** – Il-Kunsillier Dalli qal li fuq l-Agenda fil-laqgha li jmiss jixtieq li jigu diskussi l-budget tat-toroq u l-aktar tal-bankini.

5) ***Patching***

**5.1** – Is-Sindku qal li l-patching ghadu mhux lest kollu, u dak li ma sarx sew u rega' nqala', ser jerga' jaghmlu l-kuntrattur stess ghas-spejjes tieghu.

**5.2** – Il-Kunsillier Ferris gibed l-attenzjoni tas-Sindku li fi Triq it-Tifkira ma sarx patching sew. Is-Sindku qal li l-kuntrattur ser jerga' jaghmek ix-xoghol ghas-spejjes tieghu.

**5.3** – Il-Kunsillier Seychell ssuggerixxa biex isir patching fi Triq il-Bacir il-Gdid bil-konkos.

**5.4** – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar il-*budget* tal-*patching*.

**5.5** - Il-Kunsillier Dalli ssuggerixxa li l-Kunsill japplika ghal aktar haddiema mill-ETC. Huwa talab biex fl-agenda li jmiss ikunu diskussi l-Haddiema tal-Kunsill.

6) **Pagamenti**

**6.1** - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn gew approvati mill-membri tal-Kunsill.

**6.2 – Re cekk nru 3646** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan huwa l-pagament tal-Maltapost minhabba li tqassmu l-leaflets tal-korsijiet tal-kompjuter ta' TCTC.

**6.3 – Re cekk nru 3626** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-pagament huwa tat-*tickets* tal-persuni li ser isiefru f'Gunju 2011.

**6.4** - Il-Kunsillier Lynch staqsa jekk jistax isiefer xi hadd li ghadu qatt ma siefer. Il-Kunsillier Dalli u s-Segretarju qalu li huma ma jsibu l-ebda oggezzjoni li jsiefer xi hadd iehor.

**6.5** - Il-Kunsillier Dalli qal li kellmitu tfajla li ghandha degree fil-Malti u hi tixtieq li tghallem il-Malti lill-adulti filghaxija. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**6.6** - Il-Kunsillier Lynch qal li ser jorganizza harga ghall-Ghawdex nhar il-Hamis 26 ta' Mejju 2011. Hu kompla jghid li l-prezz tal-biljetti tal-kbar ser ikun €13.00 u l-prezz tal-biljetti tat-tfal (taht l-10 snin) ser ikun € 7.00. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**6.7** - Il-Kunsillier Seychell ssuggerixxa li l-biljetti tat-tfal ikunu ta' kulur differenti minn tal-kbar.

**6.8** - Il-Kunsillier Lynch qal li ser jorganizza Jum Paola 2011 nhar is-Sibt 16 ta' Lulju 2011. Hu kompla jghid lis-segretarija biex tintbaghat ittra dwar Gieh Paola 2011 lill-ghaqdiet kollha tal-lokal biex jinnominaw persuna li hadmet jew qed tahdem fl-ghaqda taghhom u li tat servizz kbir lejn il-lokalita' ta' Paola. In-nominazzjonijiet iridu jaslu fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali sa nhar it-Tlieta 31 ta' Mejju 2011. Il-Kunsillier Lynch issuggerixxa li jinxtraw 3 tokens bhala premju ghall-prezz ta' €75.00 kull wahda. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**6.9** - Il-Kunsillier Ferris qal li ser tigi organizzata Maratona fil-Marsa Sports Grounds b'risq Puttinu Cares nhar is-Sibt 7 ta' Mejju 2011. Hu kompla jghid li l-Kunsill lokali ser jiehu sehem f'din l-attivita' billi ser tigi organizzata loghba futbol u li ser jigi organizzat *van* fit-3.00pm li jitlaq minn hdejn il-Kunsill.

**6.10** - Saret diskussjoni dwar kemm ser tinghata donazzjoni lil Puttinu Cares. Gie deciz li l-Kunsill jaghti donazzjoni daqs kemm jaghtu l-*players* dejjem jekk din hi legali.

7) **Aggornament**

**7.1** – Il-Laqgha giet maghluqa fit-7.45pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 17-5-11

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku